Għawdex Qabel ir-Ritratti (33) — minn JOHN CREMONA

# Għawdex fl-ispedizzjonijiet ta' Bonaparte

Kulħadd sema' b'Napuljun Bonaparte u l-ftit jiem li qagħad f'Malta. Sfortunatament, matul is-sentejn li damu f'Malta, s-suldati tiegħu ħallewlna storja mqallba ta' vjolenza u serq. Kien żmien meta l-patrijottiżmu fil-gżejjer tagħna deher fl-aqwa tiegħu u pproduċa nies bħall-Arċipriet Saverio Cassar f'Għawdex li mexxew lill-poplu biex f'qasir żmien keċċewhom 'l barra minn pajjiżna.

Persunaġġ li ħa sehem fl-ispedizzjoni ta' l-armata ta' Napuljun fl-Eġittu kien Dominique Vivant Baruni ta' Denon. Huwa ngħaqad ma' l-ispedizzjoni fuq stedina ta' Napuljun innifsu u fforma parti mit-taqsima ta' l-arti u l-letteratura ta' l-Istitut ta' l-Eġittu fejn kellu opportunità unika biex jiġbor materjal għal aktar xogħol artistiku u letterarju tiegħu. Huwa ppubblika x-xogħol tiegħu f'żewġ volumi intitolati '*Voyage dans la basse et la haute Egypte*' fis-sena 1802. Waħda mill-inċiżjonijiet ippubblikati f'dan il-ktieb hija din l-inċiżjoni li qed nippubblika ma' dan l-artiklu. L-inċiżjoni hija ffurmata minn żewġ stampi; waħda intitolata '*Antiquitees trouvees a Goze*' u taħtha '*Tombeau trouvee a Malte*' immarkati bħala Pl(ate) 4 u Pl(ate) 5 rispettivament. Naturalment jien ser nitkellem dwar l-ewwel waħda.







L-inċiżjoni turi oġġetti li skont Denon ġew misjuba f'Għawdex. Tidher rappreżentazzjoni ta' skultura tonda tar-rħam tal-perjodu Ruman li fuq naħa turi maskra tat-teatru u fuq l-oħra turi grifun b'ras ta' muntun taħt saqajh. Minħabba l-forma tagħha, din l-iskultura hija meqjusa li kienet speċi ta' 'oscillum' li kienet tkun tip ta' tiżjin mdendla bejn il-kolonni f'xi binja Rumana. Din l-iskultura llum tinstab fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija ta' Għawdex u ghalkemm ma nafux meta u fejn instabet dejjem tqieset li nstabet f'Għawdex. L-istess inċiżjoni turi wkoll qolla ta' forma partikolari peress li għandha xoffa maż-żaqq tagħha li hija maħsuba li kellha funzjoni ritwali. Illum din il-qolla tinstab fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija f'Malta u ma għandha ebda provenjenza partikolari li tipponta lejn Għawdex. Fl-istess inċiżjoni tidher ukoll qolla mdaqqsa tal-ħġieġ li Denon jgħid li nstabet f'Għawdex ukoll. Il-kitba u l-inċiżjoni ta' Denon huma l-ewwel riferenza miktuba għall-provenjenza ta' l-iskultura Rumana tar-rħam li tidher fl-istampa u li hija waħda mill-oġġetti sbieħ u ta' preġju li għandna fil-Mużew ta' Għawdex. Il-fatt li din l-iskultura la jsemmiha De Soldanis u lanqas Abela Ciantar turi li din ġiet misjuba xi żmien wara possibbilment lejn tmiem is-seklu tmintax. L-inċiżjoni l-oħra turi disinn ta' qabar probabbilment Ruman li kien ġie skopert ftit xhur qabel il-miġja tal-Franċiżi f'Malta f'post imsejjaħ Earbaceo li ma rnexxilix insir naf fejn hu.

Din mhix l-unika inċiżjoni li ppubblika Denon fil-ktieb tiegħu. Hemm inċiżjoni oħra li turi diversi veduti ta' Malta u Għawdex li Denon għamel minn fuq il-bastiment li kien fuqu waqt li l-Franċiżi kienu resqin biex jieħdu lil Malta minn taħt idejn il-Kavallieri fl-1797. Il-ktieb jibda b'deskrizzjoni ta' l-attakk fuq Malta u dwar kif il-Franċiżi daħlu fil-Belt Valletta mingħajr ħafna taħbit. Il-ktieb ta' Denon jidher li kien popolari ferm għaliex ġie ppubblikat ukoll bl-Ingliż kif ukoll bit-Taljan minbarra bil-Franċiż. Ser nagħti l-qisien taż-żewġ inċiżjonijiet separatament għalkemm ġew stampati taħt xulxin fuq karta waħda. Ta' fuq għandha qisien ta' 248mm x 234 mm u dik ta' taħt għandha qisien ta' 185mm x 248mm.